

Brussell, 26 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14719/18

COHAFA 107
DEVGEN 223
ALIM 14
ONU 101
FAO 51
COAFR 309
MAMA 194
MOG 77
COEST 230
COASI 265
COLAC 100
PROCIV 84
RELEX 1008

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12817/18	
Suġġett:	L-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Novembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet fit-tul, adottati mill-Kunsill fit-3654 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Novembru 2018.

L-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul**Konklużjonijiet tal-Kunsill**

1. Il-Kunsill jinsab tassew imħasseb li aktar minn 75 miljun tifel u tifla milquta mill-emerġenzi u l-kriżijiet fit-tul m'għandhom l-ebda aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità u madwar 7.8 miljun persuna spostata bejn żgħażaġh u adoloxxenti ta' 18 u 24 sena huma attwalment f'riskju li l-edukazzjoni tagħhom tittharbat, li jħallu l-iskola u li jkollhom edukazzjoni ta' kwalità fqira. Il-Kunsill jinsab ugwalment imħasseb li l-vjolenza qed tiżdied fl-ambjenti edukattivi u madwarhom. L-edukazzjoni hija dritt tal-bniedem li jrid jiġi rispettata fil-kuntesti kollha bħala mezz essenzjali biex it-tfal u ż-żgħażaġh jiġu megħjuna jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, biex isaħħu r-reżiljenza individwali, tal-komunità u tal-pajjiż, biex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli u biex jiġu żgurati soċjetajiet paċifiċi, inklużivi u prosperi. Minħabba n-natura tal-kriżijiet, li qed ikunu dejjem aktar fit-tul, "ġenerazzjonijiet mitlufa" sħaħ qegħdin fir-riskju li jikbru mingħajr opportunitajiet, il-mezzi u l-ħiliet biex jibnu futur aħjar.
2. L-UE hija impenjata li tiżgura l-aċċess għat-tagħlim inklużiv tul il-ħajja u edukazzjoni u taħriġ ekwi u sikuri fil-livelli kollha f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u ta' kriżi, f'konformità ma' konklużjonijiet tal-Kunsill preċedenti^[1], l-Istrateġija Globali tal-UE, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp^[2] u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Dan huwa essenzjali biex "ħadd ma jitħalla barra" u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda dwar l-Edukazzjoni tal-2030. Il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul^[3]. Il-Kunsill jilqa' wkoll iż-żieda sinifikanti tal-Kummissjoni fil-finanzzjament umanitarju għall-edukazzjoni f'emerġenzi u jinnota l-intenzjoni tagħha li tilħaq 10 % tal-baġit umanitarju tal-UE għall-edukazzjoni f'emerġenzi fl-2019. Huwa jissottolinja li l-prospetti ta' finanzzjament għas-settur fi kriżijiet fit-tul imorru lil hinn mill-portafoll umanitarju li, skont il-mandat tiegħu, għandhom ikunu mmirati lejn dawk fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli. Dan ser jiffaċilita "il-mod għdid ta' ħidma" previst fis-Summit Umanitarju Dinji, li jieħu l-ħiliet mis-settur umanitarju kif ukoll dak tal-iżvilupp, inkluż il-finanzzjament multiannwali u aktar prevedibbiltà u kontinwità, u jużahom għall-edukazzjoni f'emerġenzi u kriżijiet fit-tul. Dan għandu jikkumplimenta l-finanzzjament għall-iżvilupp li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-edukazzjoni sistemiċi u fit-tul.

¹ Konklużjonijiet tat-12 ta' Mejju 2016 dwar is-Summit Umanitarju Dinji, konklużjonijiet tat-12 ta' Mejju 2016 dwar l-approċċ tal-UE lejn ie-ċaqliq sfurzat u l-iżvilupp, konklużjonijiet tad-19 ta' Mejju 2017 dwar l-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp u l-konklużjonijiet tat-12 ta' Novembru 2017 dwar approċċ strateġiku għar-reżiljenza fl-azzjoni esterna tal-UE.

² Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea, Ġunju 2016 u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1–24.

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul. COM(2018) 304 final tat-18.5.2018.

3. Il-Kunsill jilqa' wkoll l-approċċ komprensiv għall-Edukazzjoni f'Emerġenzi u Kriżijiet fit-Tul, li jinkludi l-istat tat-tħejjija, it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, il-prevenzjoni, il-mitigazzjoni, ir-rispons rapidu, u impenn għal bini ta' sistemi tal-edukazzjoni reżiljenti. F'dan il-kuntest, l-inizjattivi li jippermettu l-għoti ta' opportunitajiet ta' tagħlim aħjar u aktar malajr bil-ħsieb li jipprovdu soluzzjonijiet dejjiema, bħall-Fond "Education Cannot Wait" li għandu l-għan li jissodisfa l-ħtiġijiet edukattivi tat-tfal u ż-żgħażaġh bejn it-3 u t-18-il sena, għandhom jiżdiedu u jiġu appoġġati aktar. Għandhom ikunu inkoraġġuti wkoll l-inizjattivi għal edukazzjoni għolja f'emerġenzi, bħall-Mekkaniżmu ta' Rispons Rapidu għall-Edukazzjoni Għolja f'Emerġenzi (RRM) immirat lejn dawk ta' bejn it-18 u l-24 sena.
4. Fejn il-kriżijiet ifixxlu l-edukazzjoni, l-UE hija lesta li tappoġġa l-mekkaniżmi ta' rispons rapidu u tagħmel l-edukazzjoni parti integrali tar-rispons ta' emerġenza tagħha, fi sħubija mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u bil-ħsieb li jiġi żgurat, fejn dan ikun fattibbli, it-trasferiment ta' azzjonijiet lill-atturi tal-iżvilupp. L-UE timpenja ruħha biex idaħħal lura lit-tfal u ż-żgħażaġh barra mill-iskola, inkluż dawk spostati bil-forza, fit-tagħlim ta' kwalità fi żmien ftit xhur, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' New York tal-2016 għar-Rifuġjati u l-Migranti.
5. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk il-persuni spostati u l-importanza ta' soluzzjonijiet dejjiema, il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex mal-gvernijiet ospitanti u jaħdmu għall-integrazzjoni tar-rifuġjati fis-sistemi edukattivi nazzjonali, filwaqt li jiġu ssodisfati wkoll il-ħtiġijiet ta' komunitajiet ospitanti, u tiġi żviluppata u tissaħħaħ il-kapaċità u l-istrutturi eżistenti tal-edukazzjoni u s-servizzi, inkluż l-iskemi ta' rikonoxximent, akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni.
6. Il-Kunsill jenfasizza li huma meħtieġa koordinazzjoni, dialogu u sħubijiet imsaħħa fost il-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni fil-livelli kollha biex ikun żgurat rispons effikaċi u komplementari. L-effikaċja teħtieġ ukoll finanzjament disponibbli, prevedibbli, trasparenti u sostenibbli għall-edukazzjoni, kif ukoll aktar evidenza robusta u data diżaggregata. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-popolazzjonijiet milquta għandhom ikunu fil-qalba tar-rispons umanitarju, u jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jipromwovu u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni inklużiva tal-komunità fl-analiżi, l-ippjanar, it-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-rispons tal-edukazzjoni.
7. Il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jkunu involuti atturi tas-soċjetà ċivili, umanitarji u tal-iżvilupp, b'kont meħud tal-fatt li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma karatterizzati mill-interazzjoni mill-qrib tagħhom u l-għarfien li għandhom dwar il-komunitajiet lokali li jista' jissarra f'aċċess effettiv għall-gruppi vulnerabbli.
8. Il-Kunsill jissottolinja li l-aċċess universali għal edukazzjoni ta' kwalità b'xejn, inklużiva u ekwa huwa essenzjali għaż-żamma tad-dritt għal edukazzjoni għal kulħadd. F'dan ir-rigward, l-aċċess għal teknoloġiji u innovazzjonijiet moderni jeħtieġ li jiżdiedu biex jitnaqqsu l-ostakli u jiġu żgurati riżultati ta' tagħlim ta' kwalità. Is-settur privat jista' jkun riżorsa importanti u sors ta' innovazzjoni. Speċjalment f'kuntesti fraġli bi strutturi tal-istat dgħajfa, il-parteċipazzjoni tiegħu għandha tiġi regolata b'mod suffiċjenti.

9. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jkun hemm enfasi fuq il-gruppi l-aktar marġinalizzati, vulnerabbli u żvantaġġati f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet f'emerġenzi. Minħabba l-effetti sproporzjonati ta' emerġenzi u kriżijiet fit-tul fuq l-edukazzjoni tal-bniet u n-nisa, perspettiva intersettorjali tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi integrata fl-azzjonijiet kollha tal-edukazzjoni, flimkien ma' azzjonijiet immirati li jindirizzaw kwalunkwe żvantaġġ u ostaklu speċifiku għall-kuntest. Għandhom jiġu żviluppati wkoll soluzzjonijiet speċifiċi fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità u apolidi, biex jiġi żgurat l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni.
10. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol importanti li taqdi l-edukazzjoni biex trawwem il-paċi u tiżgura l-protezzjoni. L-UE tinsab fuq quddiem nett fil-promozzjoni ta' approċċi sensittivi għall-konflitt, il-politiki u l-prattiki nonvjolenti tal-iskejjel, u r-rispett għad-diversità, it-tolleranza u ċ-ċittadinanza attiva u responsabbli. L-approċċi integrati tal-edukazzjoni u l-ħarsien jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet fiżiċi, psikosoċjali u emozzjonali tat-tfal u ż-żgħażaġh u jipprevjenu u jtaffu r-riskju ta' vjolenza, inkluż il-vjolenza sesswali u sessista, iż-żwieġ bikri u sfurzat, l-assoċjazzjoni tat-tfal mal-konflitt armat, kif ukoll ir-riskju ta' radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti. Il-Kunsill ifakkar li meta l-aċċess taż-żgħażaġh għall-edukazzjoni u l-opportunitajiet ekonomiċi jitħarbat, dan iħalli impatt qawwi fuq il-paċi u r-rikonċiljazzjoni dejjiema, kif rikonoxxut fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 2250 dwar iż-Żgħażaġħ, il-Paċi u s-Sigurtà.
11. Il-Kunsill jikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' attakki fuq l-iskejjel u l-universitajiet; l-użu militari ta' skejjel; ħtif ta' studenti u persunal edukattiv; ir-reklutaġġ u l-użu ta' tfal f'konflitti armati; vjolenza sesswali; u l-preżenza ta' mini tal-art, u materjal militari mhux splodut u fdalijiet tal-gwerra fl-iskejjel u madwarhom. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jużaw id-djalogi politiċi, operazzjonali u ta' politika mal-partijiet fil-konflitt biex jappellaw għall-konformità mal-obbligi skont id-dritt internazzjonali. Il-Kunsill jitlob lill-Istati Membri kollha biex jappoġġaw inizzjattivi biex tiġi mħarsa l-edukazzjoni fil-konflitti, inkluż id-Dikjarazzjoni dwar l-Iskejjel Sikuri u sabiex jippromovu l-implimentazzjoni tagħha waqt it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar id-Dikjarazzjoni dwar l-Iskejjel Sikuri, li ser tkun ospitata minn Spanja fl-2019.
12. Il-Kunsill jenfasizza li għandha tiġi żgurata l-edukazzjoni ta' kwalità fil-livelli kollha: minn edukazzjoni bikrija fit-tfulija għal dik primarja, sekondarja u terzjarja, it-taħriġ tekniku u dak vokazzjonali. Għallieqa kwalifikati, materjal ta' tagħlim u appoġġ adegwat u l-infrastruttura huma l-pedamenti ta' edukazzjoni ta' kwalità. L-involviment ta' persuni li jindokraw u l-komunitajiet huwa essenzjali wkoll. L-edukazzjoni bażika hija l-prekondizzjoni biex it-tfal jagħmlu progress permezz taċ-ċiklu tal-edukazzjoni. L-edukazzjoni għolja hija mutur b'saħħtu għall-bidla, li jippermetti liż-żgħażaġh jaġixxu bħala katalisti għall-irkupru, il-bini mill-ġdid u r-reżiljenza tal-pajjiżi tagħhom. L-edukazzjoni u t-taħriġ tekniku u vokazzjonali għandhom ikunu marbuta mad-domandi tas-swieq tax-xogħol. Ir-rispons li jintegra l-edukazzjoni mal-protezzjoni, l-għajxien, l-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH), is-saħħa u n-nutrizzjoni għandu jiġi promoss għal riżultati aħjar tat-tagħlim u jiġi żgurat li l-edukazzjoni tkun tista' sservi ta' punt ta' dħul għall-għoti ta' servizzi għal setturi oħra.
13. Ikla ta' kuljum fl-iskola tista' tikkontribwixxi għal saħħa u nutrizzjoni aħjar kif ukoll iżżid l-aċċess għall-edukazzjoni billi tagħti inċentiv addizzjonali biex it-tfal jintbagħtu l-iskola. Tista' wkoll tkun ta' benefiċċju għall-ekonomija lokali billi titrawwem il-kapaċità tal-bdiewa lokali biex jipprovdu l-ikel għall-iklet fl-iskejjel. Li jkun żgurat l-għoti ta' iklet nutrittivi għat-tfal, sabiex ikun hemm appoġġ biex it-tfal jikbru u jiżviluppaw b'mod tajjeb għas-saħħa u għall-abbiltà li jitgħallmu, jeħtieġ kooperazzjoni mill-qrib mal-gvernijiet ospitanti u s-sħab fl-iżvilupp u dawk umanitarji.

14. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex jimplimentaw dan il-qafas ta' politika permezz ta' tisħiħ kontinwu tal-kooperazzjoni, il-komplementarjetà u l-impenn bejn l-atturi u l-istrumenti umanitarji u ta' żvilupp, bir-rispett dovut għall-mandati rispettivi tagħhom, sabiex ikunu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-edukazzjoni kemm għal żmien qasir kif ukoll fit-tul fil-livelli kollha permezz tal-mezzi l-aktar xierqa. Investiment ikbar u aktar fit-tul f'edukazzjoni li tappoġġa t-tħejjija u t-tnaqqis tar-riskju, u li tkun flessibbli biex twieġeb għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu u l-mewġiet ġodda ta' spostament, huwa meħtieġ, bil-fehim li l-finanzjament umanitarju fuq żmien qasir u r-rispons ex post għandhom mandati speċifiċi u ma jistgħux jissostitwixxu risponsi sistemiċi effikaċi. L-edukazzjoni għandha tiġi integrata fl-implimentazzjoni tal-approċċi nexus u ta' reżiljenza, kemm f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kif ukoll kriżijiet fit-tul. F'dan ir-rigward, is-servizzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkordinaw dwar it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, it-tħejjija, l-istudji, l-analiżi, l-ipprogrammar u l-ippjanar ta' miżuri edukattivi. Dan għandu jinkludi l-kondiviżjoni tal-evidenza u l-aħjar prattiki, u t-titjib tal-ġbir tad-data, u d-disponibbiltà u t-trasparenza tagħha.
-